MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Numru. 274/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR CHRIS PULLICINO**

**VS**

**WAYNE DELIA**
**CHRISTOPHER PHILIP AGIUS**
**JOSEPH BARBARA**
**JOSHUA GATT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Wayne Delia, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 574785M, l-imsemmi Christopher Philip Agius, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 20102L, l-imsemmi Joseph Barbara, detentur tal-

Karta tal-Identita` numru 36291M u l-imsemmi Joshua Gatt, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 96589M.

**Akkuzati talli:**

F’xi hin matul il-lejl ta` bejn is-6 u s-7 ta` Frar, 2011:

1. Gewwa l-Marsa, mill-istabbiliment bl-isem ‘Scan’, ikkommettew serq ta` diversi oggetti liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u sar ghad-dannu ta` Mario Scerri u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu tal-Ewro ghad-dannu ta` d-dirigenti tal-istess stabblilment u/jew persuna/i ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Lil Wayne Delia u Christopher Philip Agius wahedhom akkuzati wkoll talli f’xi hin matul il-lejl ta` bejn l-4 u l-5 ta` Frar, 2011:

1. Gewwa l-Marsa, ikkommettew serq ta` vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAC 284 tat-tip Ford Transit u diversi oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u

tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u sar ghad-dannu ta` Jonathan Camilleri u/jew persuna/i ohra;

Lil Wayne Delia wahdu akkuzat ukoll talli:

1. Fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u c-cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, b'diversi sentenza moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

2. Fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi, kiser il-provedimenti ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta ta` sentenza datata 25 ta` Lulju, 2008, fej hu kien gie misjub hati ta` reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin;

3. Fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi, kiser il-provedimenti ta` l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta ta` sentenza datata 12 ta` Novembru, 2010, fejn hu kien gie misjub hati ta` reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2);

Lil Joshua Gatt wahdu akkuzat ukoll talli:

1. Fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta ta` sentenza datata 20 ta` Marzu, 2009, fejn hu kien gie misjub hati ta` reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2);

Il-Qorti rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotti;

Rat il-Fedina Penali netta tal-imsemmija Wayne Delia, Christopher Philip Agius, Joseph Barbara u Joshua Gatt;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti, rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Wayne Delia, Christopher Philip Agius, Joseph Barbara, u Joshua Gatt gew akkuzati mill-prosekuzzjoni, semghet ix-xhieda bil-gurament.

Fil-konfront ta' Christopher Philip Agius din il-Qorti nnotat li l-imputat kien ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, ghaldaqstant fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati u tikkundannah erba' u ghoxrin (24) xahar prigunerija effettivi, li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv.

Fil-konfront ta' Joseph Barbara wara li din il-Qorti rat l-akkuzi u semghet ix-xhieda, ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni izda f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li piena karcerarja mijiex opportuna u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor punibbli bil-prigunerija fi zmien tlett (3) snin mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, u tordna li fil-konfront tieghu tinhareg Ordni ta' Probation ghal-liema skop qieghda tinhatar Carmen Nygaard sabiex issegwi l-progress ta' dan l-imputat ghal dan iz-zmien, li ghandha tirrapporta perjodikament dwar l-andament tieghu ai termini tal-Artikolu 7 (1) (8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti tistenna minghand l-imputat visita fejn huwa jindika lilha l-post tax-xoghol li huwa ser isib, jew ahjar ix-xoghol li jkun qieghed jaghmel.
Fil-konfront ta' Joshua Gatt din il-Qorti, rat l-akkuzi, semghet ix-xhieda, innotat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, innotat wkoll li bhalissa l-imputat ghandu xoghol fiss, innotat wkoll li l-istess imputat qieghed jigi adekwatament ikkontrollat minn ommu sabiex tassigura li huwa ma jergax jabbuza minn sustanzi stupifacenti.

Il-Qorti temmen li f'dan il-kaz kundanna ta' prigunerija effettiva ma hijiex opportuna, u ghaldaqstant tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tlett (3) snin mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta u tpoggih taht Ordni ta' Probation, u ghal dan l-iskop tappunta lil Carmen Nygaard sabiex issegwi l-progress ta' dan l-imputat ghal dan iz-zmien, li ghandha tirrapporta perjodikament dwar l-andament tieghu ai terminu tal-Artikolu 7 (1) (8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------